MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru 208/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR MALCOLM BONDIN
VS
RODERICK CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Caruana, ta' 22 sena, iben Carmelo u Dolores nee' Calleja, imwieled Pieta' fil-5 ta' Marzu 1986, residenti 'Sunset', Triq Hal Resqun, Gudja, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 123186(M).

Illi huwa akkuzat talli; fl-1 t'Awissu 2006, minn gewwa l-FXB showroom, Triq l-Imdina, Qormi kkommetta serq ta' Brace ta' l-ghamla Hilti ghad-detriment ta' Lewis Cutajar, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur, liema valur jaqbez il-232.94 Euro imma mhux l-2329.40 Euro u bil-persuna (skond l-Artikoli 267 u 268a tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi huwa akkuzat ukoll talli; fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom (skond l-Art. 334a tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.3) u dak ta' l-imputat (fol 13), sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat.

Semghat  il-konferma ta' l-istess imputat wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza u tilliberah mit-tieni akkuza stante li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268(a) tal-Kap9. tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa 'a first offender', illi l-imputat irritorna r-res furtive kollha u minhabba l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------